FLORIANA
Borgo Vilhena

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

20 ta’ Lulju 2012

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tar-Raba Laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah ir-**Raba (04)** Laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar it-Tnejn 2 ta’ Lulju 2012 fl-4.00pm.**

Ir-Raba (04) laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana inzammet b’din l-agenda :-

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
3. Mistoqsijiet lis-Sindku
4. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
5. Car Free Day
6. Cat Cafés
7. Servizz ta` Social Worker
8. Progett Sptar Boffa
9. Bins that -Forka
10. Planters triq Macerata
11. Gebel Dekorativ (Ex-Kings Gate)
12. Wifi Spots
13. Asfaltar ta` Toroq - Private Public Partnership
14. Bankini Triq l-Argotti u Triq l-Iljun
15. Sa Maison Badge
16. Dwar Mas-Sur
17. Muzew Kulturali f’Dar il-Kunsill
18. Celebrazzjoni Nazzjonali ta’ Lejliet L-Ewwel tas-Sena
19. Hwejjeg Ohra
20. Aggornament tal-Laqgha

Ghar-Raba (04) laqgha tal-Hames Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Davina Sammut Hili, il-Vici Sindku Vincent Borg, il-Kunsillier Anthony Brincat u l-Kunsillier Nigel Holland flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv assistit mill-iskrivana E. Theuma.**

**Il-Kunsillier Matthew Paris attenda wara materja nru 14.1 .**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba mis-Sindku Davina Sammut Hili.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tat-tielet (03) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2 Wara mozzjoni mressqa mill-Vici Sindku Vincent Borg u ssekondat mis-Sindku Davina Sammut Hili, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti, bir-rizultat kien:-

Favur: 3 (VB, DSH, NH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 1 (AB)

1.3 Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mill-Vici Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

2.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-materja numru 3.2 diskussa fil-laqgha precedenti u nformat lill-Kunsill li kellha informazzjoni li l-ex Vici Sindku Franco Davies kien ircieva l-invit.

2.2 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza minghand Dr. Marc Sant li gie mitlub jifforma parti mill-Bord tal-Appell fejn Dr. Sant ippropona r-rata ta' €9 + VAT ghal kull appell. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni u qabel li ghandu jitlob lil Dr. Sant sabiex jibda' jifforma parti mill-Bord mill-aktar fis.

2.3 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza minghand Carmel Tonna, resident l-Awstralja u li zar Malta ghal xi xhur, fejn talab li jzomm il-permess taht l-iskema ta' parkegg residenzjali bhala tifkira tal-btala tieghu f'Malta. Il Kunsill ma sabx oggezzjoni b'kundizzjoni li jintalab affidavit li tali permess mhux ser jinbiegh mal-vettura u li ser jinzamm biss bhala tifkira.

2.4 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza minghand il-MEPA fejn informaw lill-Kunsill li ma jistax isir xoghol ta' demolozzjoni f'certu toroq tal-lokalita' fix-xhur tas-Sajf. Is-Sindku ziedet tghid ukoll li l-Kunsill kien gie avvicinat mis-Sur Vella talab no objection minghand il-Kunsill sabiex ikun jista' jkompli x-xoghol matul dan il-perjodu. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni li x-xoghol jitkompla bil-kundizzjoni li jinkisbu l-permessi kollha necessarji mill-entitajiet kompetenti, specjalment mill-MEPA, sabiex ix-xoghol jitkompla. Il-Kunsill qabel ukoll li n-no objection tkun valida biss f'kaz li ma jkun hemm l-ebda ksur ta' regolamenti jew kundizzjonijiet u li bl-ebda mod ma tkun qed tinkiser il-ligi.

2.5 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza minghand il-gazzetta Il-Furjana fejn informat li l-editur kien qed jigbed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar l-ahhar pubblikazzjoni bl-isem ta' Grajja ta' sebghin sena ilu fejn l-awtur zamm il-jeddijiet tal-pubblikazzjoni kollha inkluzi r-ritratti. Is-Sindku ziedet tghid li l-Editur kien irrimarka li dawn ir-ritratti ma kienux proprjeta' tal-awtur u kienu hafna dawk li kellhom kopja ta' dawn ir-ritratti. Il-Kunsill qabel li ghandu jwiegeb lill-Editur tal-gazzetta Il-Furjana bil-miktub.

2.6 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza minghand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn offrew lill-Kunsill sabiex joffri korsijiet tal-Lifelong Learning lir-residenti. Il-Kunsill ma qabilx li ghandu jidhol f'din l-ispiza ladarba l-istess korsijiet ser jigu offruti fl-istess zmenijiet minghajr hlas mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni, gewwa l-iskola Primarja tal-Floriana.

2.7 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza minghand il-Floriana F.C. fejn ipproponew li tigi organizzata attivita' b'mod kongunt mal-Kunsill u fejn il-Kunsill ikun inkarigat jixtri t-trophies, midalji, ecc. Il-Kunsill qabel li ghandu jorganizza din l-attivita' konguntament mal-Floriana F.C. u li l-ispiza m'ghandhiex teccedi it-€300.

2.8 Is-Sindku Davina Sammut Hili informat lill-Kunsill bl-ezitu ta' l-ahhar laqgha tar-Regjun Xlokk fejn gie diskuss li kull kunsill ser ikun intitolat ghal tmien sieghat servizz ta' eko gwardan kull tliet gimghat minghajr hlas. Il-Kunsill qabel fuq il-granet u l-hinijiet li matulhom ghandu jaghmel uzu minn dan is-servizz.

**Nota: 16:25 Il-Kunsillier Anthony Brincat talab li jkun skuzat.**

2.9 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza minghand persuna anonima fejn irraportat li l-gwardjani lokali m'humiex jimxu bl-istess riga ma' kulhadd. Il-Kunsill qabel li ghandu jiehu azzjoni u jinforma lill-kumpanija tal-gwardjani lokali b'din l-allegazzjoni.

2.10 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza minghand Charles Demanuele fejn informa lill-Kunsill b'accident li kellha ommu u talab lill-Kunsill kumpens ta' €2000. Il-Kunsill qabel li ghandu jirreferi dan il-kaz lill-Avukat tal-Kunsill.

2.11 Is-Sindku Davina Sammut Hili informat lill-Kunsill li kienet irceviet telefonata minghand il-Maggur Charles Mallia fejn talab permess sabiex jorganizza l-attivita' Rockestra fuq il-Fosos. Il-Kunsill qabel li ghandu jitolbu jipprezenta din it-talba bil-miktub.

## 3.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

3.1 Il-Vici Sindku Vincent Borg saqsa rigward il-kaxxi li thallew fil-kuritur tad-Dar tal-Kunsill u kaxxi ohra li hemm int u diehel fl-ufficcju tal-iskrivani. Is-Sindku wiegbet li whud minn dawn il-kaxex kienu jappartjenu lill-Kunsillier Nigel Holland u talbet li jitnehhew sal-ahhar tal-gimgha minhabba li dawn qed ikerrhu d-Dar tal-Kunsill. Is-Sindku ziedet tghid ukoll li hemm bzonn li jigu rrangati l-formoli u l-applikazzjonijiet li hemm fl-istand ta' quddiem l-ufficcju tal-impjegati.

3.2 Il-Vici Sindku Vincent Borg ghamel riferenza ghall-insinja tas-Sindku li kienet intilfet waqt il-legislatura precedenti u saqsa jekk kienx sar rapport lill-Pulizija dwar it-telf tal-insinja. Is-Sindku talbet lill-Kunsillier Nigel Holland iwiegeb ghal din il-mistoqsija. Il-Kunsillier Holland informa li wara li kien ivverifika mad-Dipartiment jekk kienx hemm bzonn li jsir rapport lill-Pulizija, dawn kienu ikkonfermawlu li r-rapport kien sar prassi u ghalhekk sostna li ser jaghmel rapport lill-Pulizija fl-iqsar zmien.

3.3 Il-Kunsillier Nigel Holland saqsa lis-Sindku jekk Omar Aquilina kienx inghata l-ordni sabiex jibda x-xoghol fid-Dar tal-Kunsill sabiex jaghmel tajjeb ghall-flus li kienu dovuti lill-Kunsill mill-istess Aquilina. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li ghalkemm kien talbu jibda x-xoghol bil-miktub fil-bidu tas-sena, il-kuntrattur kien ghadu ma bediex ix-xoghol mitlub. Il-Kunsill qabel li ghandu javvicina lis-Sur Aquilina u jitolbu jibda x-xoghol minnufih.

## 4.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza **65-05 A-B**, li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

4.2 Wara mozzjoni mressqa mill-Vici Sindku Vincent Borg u ssekondat mill-Kunsillier Nigel Holland, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 10646 sa 10710

u 00012 sa 00030, bir-rizultat:

Favur: 3 (VB, NH, DSH)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

4.3 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mill-Sindku Davina Sammut Hili, minn zewg kunsilliera u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 5.0 Car Free Day

5.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili informat lill-Kunsill bil-memo interna mibghuta mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn offrew lill-Kunsill sabiex jippartecipa fl-organizzazzjoni ta' Car Free Day.

5.2 Is-Sindku ziedet tghid li l-Car Free Day kienet ser issir bejn is-16 u l-20 ta' Settembru u li l-aqwa ghaxar proposti kienu ser jinghataw sponsor ta' €2000-il wiehed bhala ghajnuna sabiex tigi organizzata l-attivita' proposta.

5.3 Is-Sindku kompliet billi ssuggeriet li l-Kunsill jilqa' l-proposta tad-Dipartiment u jibghat is-suggerimenti tieghu ghal din l-attivita'.

5.4 Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill jorganizza nofstanhar ta' attivitajiet fi Triq Sant'Anna u esebizzjoni ta' sports fil-lokalita'.

5.5 Il-Vici Sindku Vincent Borg fakkar li biex tinghalaq Triq Sant'Anna, il-Kunsill ser ikollu jahseb sabiex jakkomoda diversi affarijiet, specjalment it-transport pubbliku li ssuggerixxa li ghandu jghaddi minn Triq il-Kapuccini bhalma gieli sar.

5.6 Is-Sindku Davina Sammut Hili pproponiet ukoll li l-Kunsill jistieden it-tim tal-futbol ta' Kercem sabiex jilghab kontra t-tim tal-futbol tal-Floriana f'din l-okkazjoni u anke sabiex ikompli jissahhah il-gemellagg bejn iz-zewg lokalitajiet.

5.7 Il-Vici Sindku Vincent Borg ippropona li l-Kunsill jikri ekwipagg ghal outdoor gym li jitpogga fi Triq Sant'Anna ghal matul din l-attivita'.

5.8 Il-Kunsill qabel fil-principju u qabel ukoll li ghandu jilqa' l-offerta' tad-Dipartiment. Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha tigi diskussa iktar fid-dettall il'quddiem.

## 6.0 Cat Cafés

6.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili fethet il-materja billi nformat lill-Kunsill li kienet giet avvicinata minn residenta li talbet li tinxtara cat café gdida minhabba li dik li hemm hdejn l-isptar Sir Paul Boffa kienet tmermret.

6.2 Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni u qabel li ghandu jiehu hsieb jordna cat café gdida li titwahhal fejn propost.

6.3 Is-Sindku Davina Sammut Hili pproponiet li l-Kunsill jordna xi cat cafés ohra li jitwahhlu f'postijiet diversi madwar il-lokalita'.

6.4 Il-Vici Sindku Vincent Borg ippropona li titwahhal cat café magenb l-AGFA minhabba li hemm hafna qtates u b'hekk ikollhom fejn jistkennu. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

6.5 Is-Sindku Davina Sammut Hili informat lill-Kunsill li wahda mill-feeders kienet talbet ittra ta' no objection mill-Kunsill sabiex tkun tista' titma l-qtates fil-cat cafés. Il-Kunsill ma hassx li dan kien bzonnjuz minhabba li ladarba ma kienet qed tinkiser ebda ligi, u r-residenta kienet qed tnaddaf warajha u ma thammigx iz-zona, ma kien hemm bzonn tal-ebda awtorizzazzjoni.

## 7.0 Servizz ta` Social Worker

7.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili fethet il-materja billi nformat lill-Kunsill li kienet giet avvicinata mill-agenzija Appogg fejn talbu lill-Kunsill jipprovdi kamra fil-bini tieghu sabiex jigi pprovdut servizz ta' social worker darba f'gimgha.

7.2 Is-Sindku ziedet tipproponi li dan is-servizz jibda jinghata biss bil-booking u dan sabiex jekk ghall-bidu ma jkunx hemm nies interessanti, is-social worker ma joqghodx jigi/tigi ghalxejn.

7.3 Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni ghal din il-proposta bil-kundizzjoni li l-agenzija Appogg tinformah minn qabel bid-dati u l-hinijiet ta' meta ser ikollhom bzonn juzaw il-bini tad-Dar tal-Kunsill sabiex ikunu jistghu isiru l-arrangamenti necessarji.

## 8.0 Progett Sptar Boffa

8.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili fethet il-materja billi nformat lill-Kunsill bil-proposta li l-isptar Sir Paul Boffa jigi rinovat u ssir lukanda minflok. Is-Sindku ziedet tghid li bhalma hi ssoltu procedura, il-Kunsill kien giet mitlub jghaddi l-kummenti tieghu dwar dan l-izvilupp.

8.2 Il-Kunsill ma qabilx ma' din il-proposta ghal zvilupp minhabba li jhoss li din iz-zona ghandha ssir zona residenzjali u anke minhabba li ma sar l-ebda traffic assessment jew impact assessment li jiddeterminaw kif ser tigi affetwata z-zona jekk dan l-isptar jinbidel f'lukanda.

8.3 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jsostni li tali bini ghandu jinbidel fi blokka ta' appartamenti jew zona residenzjali minflok ma tinbena lukanda ohra.

## 9.0 Bins taht il-Forka

9.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili fethet il-materja billi nformat lill-Kunsill kienu nsterqu zewg tankijiet tal-bins miz-zona maghrufa bhala taht il-Forka fil-jiem li ghaddew.

9.2 Is-Sindku ziedet tghid ukoll li wara li kienet tkellmet mal-kuntrattur tal-knis tat-toroq, dan kien informaha li kien qed jithalla hafna skart u hmieg mal-art f'din l-istess zona.

9.3 Ghalhekk, is-Sindku pproponiet li l-Kunsill izid jew ikabbar il-bins fil-lokalita'. Il-Kunsill qabel li ghandu jiehu hsieb li jitwahhlu bins ohra tal-hadid.

## 10.0 Planters triq Macerata

10.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili fethet il-materja billi pproponiet li jsiru planters godda fi Triq Macerata sabiex tinghata dehra isbah lil din it-triq li ma tantx hi ffrekwentata minn vetturi.

10.2 Il-Kunsill ma qabilx ma' din il-proposta minhabba li l-bankina f'din it-triq diga mhux wiesgha bizzejjed u jekk jitwahhlu xi planters din ser tkompli tidjieq.

## 11.0 Gebel Dekorativ (Ex-Kings Gate)

11.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili fethet il-materja billi nformat lill-Kunsill li kienet giet avvicinata minn membru tal-Floriana F.C. li nformaha li waqt li kienu qed iwaqqghu it-tarag, kienu nstabu xi gebel dekorattiv tal-Ex Kings Gate.

11.2 Is-Sindku ghalhekk ipproponiet li minflok ma jintremew, il-Kunsill jitlobhom uhud minn dawn il-gebel dekorattiv sabiex jintuzaw ghall-fini tal-Kunsill.

11.3 Il-Kunsill laqa' l-proposta u qabel li ghandu javvicina lill-Floriana F.C. u jesprimi l-interess li jakkwista xi whud minn dawn il-gebel dekorattivi.

## 12.0 Wifi Spots

12.1 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li din il-materja tigi diskussa iktar tard wara li jkun attenda il-Kunsillier Matthew Paris.

**Nota: 18:20 Din il-materja giet diskussa wara materja numru 14.0.**

12.2 Is-Sindku Davina Sammut Hili talbet lill-Kunsillier Matthew Paris sabiex jiftah id-diskussjoni.

12.3 Il-Kunsillier Matthew Paris informa lill-Kunsill li wara l-laqghat li kellu *on site* mal-MTA dwar iz-zieda ta' wi-fi spots fil-lokalita' u xi materji ohra, huma kienu pproponew diversi punti.

12.4 Il-Kunsillier Paris beda billi nforma lill-Kunsill li rigward il-wi-fi spot li hemm fuq il-Fosos, l-MTA kienu pproponew li l-Kunsill iwahhal *repeater* u b'dak il-mod ikun jista' jkopri l-Fosos kollu bis-servizz attwali. Huwa zied jghid li dan ir-*repeater* kien ser jammonta ghal €600 li kienet ser tkun spiza ta' darba. Il-Kunsill qabel li ghandu jinvesti *f'repeater* sabiex ikun jista' jakkomoda l-Fosos kollu.

12.5 Il-Kunsillier Paris semma wkoll li fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V, ghalkemm kien hemm servizz tal-internet, dan ma kienx qed jiffunzjona kif suppost u ghalhekk ippropona li l-Kunsill jikkancella s-servizz ezistenti u jdahhal servizz iehor li ma jeccediex is-somma ta' €120 fis-sena. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

12.6 Il-Kunsillier Paris semma wkoll li fi Gnien Sir Luigi Preziosi kienet inholqot diffikulta' zghira minhabba l-access ghad-dawl izda kien hemm diversi soluzzjonijiet u ghalhekk ippropona li l-Kunsill jinstalla servizz tal-internet f'dan il-gnien ukoll li ma jkunx jammonta ghal aktar minn €120 fis-sena. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

12.7 Il-Kunsillier Paris ghamel riferenza ghad-decizjonijiet li gew mehuda fil-laqgha precedenti

u nforma lill-Kunsill li kien ha hsieb jissuggerixxi lill-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali sabiex jigi nstallat servizz ta’ wi-fi *hotspot* fil-gonna tal-Argotti u tal-Mall.

## 13.0 Asfaltar ta` Toroq - Private Public Partnership

13.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili fethet id-diskussjoni billi nformat lill-Kunsill bil-proposta ta’ Public Private Partnership ghall-asfaltar tat-toroq.

13.2 Il-Kunsillier Nigel Holland ippropona li l-Kunsill jivverifika kif tithaddem ezatt din is-sistema tal-private public partnership qabel ma jikkunsidraha.

13.3 Il-Kunsill qabel li l-kunsilliera responsabbli mix-xogholijiet tat-toroq u linfrastuttura jiehdu hsieb jindagaw u jikkonsultaw dwar din l-alternattiva.

## 14.0 Bankini Triq l-Argotti u Triq l-Iljun

14.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili fethet id-diskussjoni billi nformat lill-Kunsill li x-xoghol fi Triq l-Argotti u Triq l-Iljun ma kienx tkompla u kien jidher li waqaf ghal kollox.

**Nota: 17:45 Il-Kunsillier Matthew Paris attenda ghal-laqgha.**
**Il-Kunsillier Nigel Holland talab li jkun skuzat.**

14.2 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li kellu diversi diskussjonijiet ma’ rapprezentant ta’ Transport Malta, fejn qed jintalab li jitlesta ix-xoghol bi pjan, u jittiehdu iktar misuri ta Sahha u Sigurta.

14.3 Il-Kunsill ghalhekk qabel li ghandu jitlob laqgha ma’ Transport Malta sabiex jigu diskussi dawn id-diffikultajiet.

14.4 Is-Segretarju Ezekuttiv informa wkoll rigward il-materjal li hemm bzonn. Il-Kunsill ma setax jipprocedi bix-xogholijiet sakemm ma jkollux iktar porfido minghand il-Gvern Centrali. Fakkar ukoll fuq il-kawza legali li ghandu il-Kunsill rigward dan il-materjal, ma formitur privat.

14.5 Is-Segretarju Ezekuttiv irrimarka ukoll li il-Kuntrattur li qed iqieghed il-Bankina naqas milli jirregistra u jissottometti il-Garanzija Bankarja ma Transport Malta

**Nota: 18:00 Il-Kunsillier Nigel Holland attenda ghal-laqgha.**

14.6 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jiltaqa’ mal-Perit tieghu sabiex jiddiskuti certu punti fil-post.

## 15.0 Sa Maison Badge

15.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili fethet id-diskussjoni billi nformat li fiz-zmien, fil-bini tal-iskola Ospizio, kien hemm badge mwahhla fid-dahla. Hi ziedet tghid li din il-badge kienet ittiehdet fl-ufficcini tal-Environmental Landscape Consortium.

15.2 Ghalhekk, is-Sindku pproponiet li l-Kunsill jikteb lill-Environmental Landscape Consortium u jitlobhom jirritornaw din l-istess badge ta' valur storiku kbir sabiex terga' titwahhal mal-faccata tal-Ospizio.

15.3 Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni u qabel li ghandu javvicina lill-Environmental Landscape Consortium.

## 16.0 Dwal Mas-Sur

16.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili fethet id-diskussjoni billi pproponiet li jitwahhlu xi dwal mas-sur li jaghti ghal fuq il-Valletta Waterfront.

16.2 Il-Kunsill qabel li ghandu jikkuntattja lill-ministeru inkarigat mis-swar b'din il-proposta.

## 17.0 Muzew Kulturali f'Dar il-Kunsill

17.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili fethet id-diskussjoni billi pproponiet li l-Kunsill jesebixxi d-dokumenti u artifacts storici li ghandu fil-pussess tieghu matul xi attivitajiet.

17.2 Il-Kunsillier Matthew Paris ippropona li tali esebizzjoni ssir matul il-Floriana Fest li ser tkun organizzata dalwaqt u li din l-esebizzjoni tkun wahda temporanja.

17.3 Il-Kunsill qabel fil-principju u qabel ukoll li ghandu jkellem lill-Arcipriet kif ukoll lil xi entitajiet ohra li jafu jkunu interessati jesponu dokumenti u oggetti ohra storici matul din l-esebizzjoni.

## 18.0 Celebrazzjoni Nazzjonali ta' Lejliet L-Ewwel tas-Sena

18.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili talbet lill-Kunsillier Nigel Holland sabiex jiftah id-diskussjoni peress li kien hu li talab li din il-materja titpogga fuq l-agenda.

18.2 Il-Kunsillier Nigel Holland beda billi qal li peress li kien qed joqrob iz-zmien, hass li l-Kunsill kellu jibda jiddiskuti u jahdem fuq l-edizzjoni li jmiss tac-Celebrazzjoni Nazzjonali ta' Lejliet l-Ewwel tas-Sena.

18.3 Il-Kunsillier Matthew Paris ippropona li l-Kunsill jiltaqa' mal-kunsill tal-Belt Valletta sabiex jigu diskussi l-alternattivi u l-proposta li din l-attivita' tigi organizzata b'mod kongunt.

18.4 Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni bil-kundizzjoni li din l-attivita' tinqasam b'mod xieraq u ghalhekk qabel li ghandu jikkuntattja u jitlob laqgha mal-Kunsill tal-Belt Valletta.

## 19.0 Hwejjeg ohra

19.1 Il-Kunsillier Nigel Holland informa lill-Kunsill li kien gie rraportat li x-xibka tat-tennis court kellha bzonn titranga. Il-Kunsill qabel li ghandu jiehu hsieb jirranga x-xibka.

19.2 Il-Kunsillier Nigel Holland informa lill-Kunsill li kien hemm talba sabiex issir sleeping policeman fi Triq San Tumas. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

19.3 Is-Sindku Davina Sammut Hili informat lill-Kunsill li fi Triq il-Kapuccini kien hemm kerreja li l-bini taghha kien qed jiggarraf. Hija ziedet tghid li l-Kunsill kellu bzonn jerga' jigbed l-attenzjoni tal-awtoritajiet ikkoncernati specjalment tal-Pulizija u tal-Ministeru tal-Intern dwar dan il-periklu. Il-Kunsill qabel.

**Nota: 18:55 Il-Kunsillier Matthew Paris talab li jkun skuzat.**

19.4 Is-Sindku Davina Sammut Hili ipproponiet li torganizza harga ghan-nisa fix-xahar ta' Lulju. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

19.5 Is-Sindku Davina Sammut Hili informat lill-Kunsill li residenti fi Triq l-Imhazen kienu talbu li ssir wallmounted gdida minhabba li t-triq hija mudlama. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob lill-Korporazzjoni Enemalta u jipproponi l-installazzjoni ta' wallmounted gdida.

19.6 Il-Kunsillier Nigel Holland ippropona li ssir wallmounted fi Triq San Tumas c/w Pjazza Sant'Anna. Il-Kunsill approva.

19.7 Il-Vici Sindku Vincent Borg ippropona li jitwahhlu mirja fi Triq Sant'Anna, int u hiereg minn Triq il-Miratur u minn triq San Tumas . Il-Kunsill qabel.

19.8 Is-Sindku Davina Sammut Hili ipproponiet li wara l-incident li kien sehh fil-jiem li ghaddew, l-Kunsill jordna tabelli tal-gonna godda dwar il-klieb minhabba li dawk li hemm fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V kienu ccaraw. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

19.9 Is-Sindku Davina Sammut Hili ipproponiet li l-Kunsill jorganizza tournament tal-futbol ghat-tfal fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

19.10 Is-Sindku Davina Sammut Hili fakkret li l-Kunsill ghandu jikkuntattja lill-membri li kienu jifformaw parti mis-sotto kumitati passati sabiex jergghu igeddu l-interess taghhom.

19.11 Is-Sindku Davina Sammut Hili nformat lill-Kunsill li kienet giet avvicinata minn Justin Haber li esprima x-xewqa li jibda' x-xoghol minn issa bir-riskju li ma jinharigx permess mil-Lands. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni bil-kundizzjoni li l-affarijiet ikunu kkjarifikati.

19.12 Is-Segretarju Ezekuttiv talab lill-Kunsill jikkunsidra x'hinijiet jixtieq li jithallew liberi mill-uzu tal-akkademja f'kaz li l-Kunsill jipprocedi bil-Public Private Partnership.

**Nota: 19:05 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li l-laqgha tigi estiza b'siegha.**
**Il-Kunsillier Matthew Paris rega' attenda ghal-laqgha.**

19.13 B'riferenza ghall-materji 19.11 u 19.12, il-Kunsill qabel li sakemm ikun hemm konferma u jigi ffinalizzat kollox, il-Kunsill jiffirma pre-agreement mas-Sur Haber fejn jigi ccarat li l-Kunsill m'ghandu l-ebda oggezzjoni li jinbeda xi xoghol izda mhux ser jinzamm responsabbli f'kaz li ma jinhargux il-permessi jew ikun hemm xi ostaklu jew twaqqif minn xi entita' ohra.

19.14 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li kien gie avvicinat mill-Enemalta fejn talbu li l-Kunsill jaqla' zewg fanali minn fuq il-Fosos u minflokhom jitwahhlu rifletturi fil-gnub. Il-Kunsill ma qabilx minhabba li dan kien jista jirrizulta f'xoghol li ma jikkumplimentax ma dan il-wirt storiku

peress li kien ser ikun hemm tipi differenti ta' dawl. Il-Kunsillier Mtthew Paris talab xorta li l-Enemalta ghanda tintalghab tibghat pjanta ta din il-proposta.

19.15 Is-Sindku Davina Sammut Hili informat lill-Kunsill li kienet giet avvicinata minn resident fi Triq il-Miratur li talab li jitwahhal planter quddiem ir-residenza tieghu minhabba li kienu qed jipparkjaw xi vetturi quddiem il-bieb tieghu u ma jkunx jista' jidhol jew johrog. Il-Kunsill qabel li ghandu jiehu hsieb iwahhal planter tal-hadid quddiem ir-residenza tieghu.

19.16 Il Vici Sindku Vincent Borg informa lill-Kunsill bit-talba li jsiru double yellow lines quddiem il-headquarters tal-Malta Scouts Association minhabba li kienu qed jipparkjaw xi vetturi quddiem il-bini taghhom u f'kaz t'emergenza ma jkollhomx access ghall-gewwa. Il-Kunsill qabel li ghandu jaghmel double yellow lines fuq il-bankina sabiex jigu ristretti l-vetturi milli jipparkjaw f'dan il-post.

19.17 Is-Sindku Davina Sammut Hili informat lill-Kunsill li kienet giet avvicinata minn residenta li toqghod bieb ma' bieb mal-Unjoni Haddiema Maghqudin u li lmentat rigward l-istorbju u s-shana li qed ikollha fil-kcina a kawza tal-kompressuri tal-airconditioners li l-istess Unjoni wahhlet hdejn it-tieqa taghha. Il-Kunsill qabel li ghandu jikteb lill-Unjoni Haddiema Maghqudin u jitlobhom jirrilokaw dawn il-kompressuri.

19.18 Is-Sindku Davina Sammut Hili pproponiet li l-Kunsill jahsel il-bankini ta' quddiem proprjetajiet maghluqa sabiex jitnehha l-hmieg tal-hamiem li hemm mal-art. Il-Kunsill qabel u qabel ukoll li ghandu jibghat ittra lir-residenti u jinformahom b'din il-proposta.

19.19 Il-Kunsillier Nigel Holland ippropona li l-Kunsill jikteb lil persuni li ghandom postijiet battala b'aperturi miftuhin, li qed jghatu lok ghal-hamiem biex ibejtu. Il-Kunsill ghandu jtihom gimgha cans sabiex jinghalqu l-aperturi li ghandhom jew inkella jiehdu hsieb iwahhlu l-ispikes sabiex ma jpoggux il-hamiem. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

## 20.0 Aġġornament tal-laqgħa

20.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar it-Tnejn 30 ta' Lulju 2012 fl-4.00pm.

**Il-laqgha ntemmet fit-19.45.**

| | |
|---|---|
| **Davina Sammut Hili** | **Svetlick J. Flores** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |